Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Christabelle Chetcuti)

vs

Shamison Stafrace

Kumpilazzjoni Numru: 267/18

Illum 22 ta' April 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuza fil-konfront ta' Shamison Stafrace detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 212197M akkuzat talli:

Nhar is-26 ta' Frar 2018 ghall-habta ta' bejn 14.00hrs u 14.30hrs gewwa Sqaq il-Knisja, Zabbar, f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Kyle Ellul hekk kif iccertifika Dr. Patrick Galea MD reg. 3481 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Kyle Ellul, kemm waqt il-mori ta' kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbgha (4) ta' Marzu elfejn u ghoxrin (2020) li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tat-tabib **Dr. Patrick Galea** li kkonferma c-certifikat mahrug minnu u mmarkat bhala Dokument PG1 hareg illi huwa ezamina lill-parte civile Kyle Ellul fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tal-elfejn u tmintax (2018) fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid fejn dan irriskontra ferita ta' erba' (4) centimetri fuq il-kappell ta'

ghajnejh tan-naha tax-xellug. Dawn gew ikklassifikati bhala gravi peress li kien hemm sfregju fil-wicc.

Xehed il-parte civile Kyle Ellul fejn jghid illi jahfer lill-imputat u llum il-gurnata huma hbieb.

PC1333 Andre' Farrugia xehed illi kkonferma Dokument CC1 li hu r-rifjut tal-avukat li jghid illi l-imputat ma kienx iffirma dan id-dokument.

Xehdet ukoll WPC 292 Rosemarie Formosa fejn din ikkonfermat illi l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta avukat tal-ghazla tieghu izda li rrifjuta dan id-dritt u ma ffirmax id-dikjarazzjoni.

PS634 Keith Mallan xehed illi nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar elfejn u tmintax dahal jaghmel rapport l-ghassa ta' Haz Zabbar Karl Ellul fejn irraporta li l-imputat kien tah daqqa ta' njama meta dan kien mar hdejh fuq sit ta' kostruzzjoni u affaccjah ghaliex kien qed jghid fuqu li kien ser itajru. Qal illi f'daqqa u l-hin l-imputat qabad injama u tahielu fuq rasu. Ix-xhud jghid illi meta staqsa lill-persuna li kienet prezenti fuq l-incident u cioe' certu Marlon

Baldacchino dan kien ikkonferma li kien hemm incident pero' li ma kienx jaf fuq xiex inqala' u fil-fatt mar iferraq lil Ellul u lill-imputat imbaghad jghid illi l-imputat telaq minnufih mill-post inkwistjoni. Finalment, ix-xhud ikkonferma wkoll l-istqarrija li tinsab in atti.

Xehed <u>Marlon Baldacchino</u> li jghid illi hu kien flimkien mal-imputat Shamison Stafrace fuq sit ta' kostruzzjoni Haz Zabbar meta wara li hu kien mar jixtri ra li kien hemm Kyle Ellul u sabu bid-demm. Jaf li kien intuza xi zokk li kien sab mal-art u li kien tah lill-pulizija u li dan iz-zokk gie esebit fl-atti. Dan jghid illi jaf li ntuza dan iz-zokk peress li kien qallu Kyle Ellul.

Xehed l-espert <u>Dr Mario Scerri</u> li ezamina lill-parte civile Kyle Ellul sabiex jara jekk il-griehi baqghux permanenti u jghid illi kien hemm cikatrici fuq in-naha tal-lemin tal-ghajn li kienet kompatibbli ma' lacerazzjoni minn blunt trauma u din tidher bhala marka.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*
>
> *Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan*

*ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence*

*'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-*

*raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Illi mill-provi li hargu jirrizulta li ghalkemm gew riskontrati xi griehi fuq il-persuna ta' Kyle Ellul li dawn il-griehi kienu gravi u permanenti, madanakollu din il-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh ta' kif gara l-incident u dan ghaliex l-istess Kyle Ellul ghalkemm xehed f'dawn il-proceduri ma rrakonta xejn kif graw il-fatti. Kull ma jghid hu li jahfer lill-imputat Shamison Stafrace u li llum il-gurnata regghu huma hbieb.

Illi bhala provi cirkostanzjali hemm ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li tali xhieda ma tistax wehidha tigi kkunsidrata bhala xhieda determinanti ghaliex dak li ntqal kien kollox *detto del detto*.

Prova ohra kienet ix-xhieda ta' Marlon Baldacchino li ma kienx prezenti waqt li sehh l-allegat incident u ghalhekk ma setax jixhed fuq id-dinamika. Kull ma jghid illi sab lill-parte civile Kyle Ellul bid-demm go wiccu u li dan qallu li Shamison Stafrace kien tah daqqa b'bicca injama. Pero' din il-Qorti, anqas b'din il-prova, ma jistax ikollha s-serhan tal-mohh ta' kif sar l-incident ghaliex ma tafx min miz-zewg partijiet beda l-argument u jekk forsi l-imputat tax l-allegat daqqa biex jiddefendi ruhu.

Tali nuqqas fil-provi ghandu certament imur favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Shamison Stafrace** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minnha.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**